MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 300/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Stefan Desira**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat Stefan Desira ta’ wiehed u tletin (31) sena, bin missier mhux maghruf u Mary Desira, imwieled il-Pieta` fit-3 ta’ Gunju 1982, residenti Flat 2, Block 2, Birzebbugia Road, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 321082(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Matul il-gurnata tat-18 ta’ Marzu, 2014, gewwa l-lokalita’ tar-Rabat, Malta jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gzejjer:-

1. flimkien ma’ persuna/i ohra kkommetta serq ta’ materjal/pjanci tal-hadid minn gewwa l-lukanda maghrufa bhala Verdala Hotel, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija w disgħa w għoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li liema serq sar

għad-dannu ta’ Anglu Xuereb u/jew ta’ persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikli 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263 u 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ, u cioe`, il-kaxxa tad-donazzjonijiet u l-flus imsemmija, misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli sar ricediv b’diversi sentenzi moghatija mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni (2) akkuza;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoniji u kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat **ammetta l-ewwel u t-tielet imputazjoni** migjuba kontra tieghu, filwaqt li l-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni akkuza, u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ppruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, liema fedina m'hi xejn wahda felici. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li kien hemm **qbil bejn id-difiza u l-Prosekuzzjoni li l-ahjar mod li din il-Qorti tista titratta mal-imputat huwa permezz ta' ordni ta'** ***probation*****.**

Il-Qorti kkunsidrat illi din mhix l-ewwel darba li l-imputat xellef difru mal-gustizzja. Madankollu, din il-Qorti hija propensa li taghtih din l-ahhar opportunita` biex jirregola hajtu ahjar. Din il-Qorti spjegat lill-imputat il-portata tal-akkuzi u li dawn igorru maghhom piena ta' habs effettiv u li jekk se jippersisti f'din il-linja li qabad, allura se jkun difficli hafna ghal dawn il-Qrati li jzommu lill-imputat 'il boghod minn piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261 (a) (b) (c), 261 (1) (b), 263, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-

Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista’ jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’ dan il-procediment u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------